



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9639/24

DEVGEN 70
ACP 47
RELEX 626
CLIMA 189
SUSTDEV 60
NDICI 12
FIN 435

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7983/24	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (+) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (+), kif approvati mill-Kunsill fl-4021 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Mejju 2024.

Rapport Speċjali Nru 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Alleanza Globali

Kontra t-Tibdil fil-Klima (+)

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 04/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus).
2. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li tappoġġa lill-persuni kollha f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, ma tħalli lil ħadd lura, u ssaħħa l-assistenza attwali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-thejjja għall-impatti klimatiċi u r-rispons għalihom, b'mod partikolari permezz ta' reżiljenza u tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif ukoll miżuri ta' adattament. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw jikkontribwixxu l-inqas għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżda xorta waħda huma fost l-aktar milquta mill-impatti tat-tibdil fil-klima.
3. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li tiegħu azzjoni determinata u deċiżiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti u jfakkar fl-impenn li hađu l-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jwettqu l-għan kollettiv ta' mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun fis-sena malajr kemm jista' jkun, sal-2025, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, u jistenna li l-għan jintlaħaq fl-2023. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jwieġeb għall-appell tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow għall-Partijiet tal-pajjiżi żviluppati biex sal-2025 mill-inqas jirdoppjaw il-forniment kollettiv tagħhom ta' finanzjament għall-klima għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw meta mqabbel mal-2019.
4. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investiment flimkien huma l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku għall-klima madwar id-dinja, b'EUR 23.04 biljun fl-2021, u jenfasizza li aktar minn 50 fil-mija tal-kontribuzzjoni ġiet alllokata għall-adattament għat-tibdil fil-klima jew għal azzjonijiet trażversali.

5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza li l-UE pprovdiet EUR 729 miljun bejn l-2007 u l-2020 permezz tal-inizjattiva tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus) bħala parti mill-isforzi tagħha biex iżżid il-livelli ta' finanzjament għall-klima, b'attenzjoni partikolari għall-adattament.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-appoġġ qawwi tal-UE għall-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 13 tagħha li jistabbilixxi "li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu" u jirrikonoxxi l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus) bħala wieħed mill-istrumenti li permezz tagħhom ġie segwit dan l-għan fil-passat. Il-Kunsill itenni wkoll l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi ċerti limitazzjonijiet ta' inizjattivi globali bħall-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus), kif indikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Fl-istess ħin, jenfasizza li t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni ta' tali inizjattivi kienu strumentali fit-tfassil tal-approċċ il-ġdid għall-azzjoni klimatika stabbilit fl-istrument NDICI-Ewropa Globali, b'mira ambizzjuża ta' nfiq ta' 30 fil-mija għall-oġettivi klimatiċi, u l-ispinta biex jiġu xprunati riżorsi sinifikanti għal inizjattivi relatati mal-klima permezz ta' programmi ġeografiċi li jappoġġaw id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Global Gateway.
8. Il-Kunsill jilqa' s-sejbiet tal-Qorti, speċjalment dawk relatati mal-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza tal-azzjonijiet klimatiċi fil-qasam billi jinstab bilanċ għaqli bejn it-tweqqi tal-outputs u l-kostijiet ibbaġitjati tagħhom, kif ukoll is-sejbiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-proċess taż-żieda fl-azzjonijiet ta' adattament mill-istadju pilota u tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirrikonoxxi b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jittejjeb, fil-każ ta' azzjonijiet suċċessivi, il-bilanċ bejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet l-oħra bil-ħsieb li tespandi l-azzjonijiet konkreti ta' adattament li jilħqu aktar persuni affettwati direttament mill-impatti tat-tibdil fil-klima. F'dan ir-rigward il-Kunsill jenfasizza wkoll li l-azzjonijiet ta' adattament għandhom jiffukaw fuq il-bini tal-kapaċitajiet tal-komunità u dik istituzzjonali msejsa fuq l-għarfien u x-xjenza lokali u indiġeni.

9. Il-Kunsill jinnota b'mod partikolari l-konklużjoni tal-Qorti li l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus) ma ffukatz biżżejjed fuq il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar affettwati mill-impatti klimatiċi, b'mod partikolari l-ifqar unitajiet domestiċi u n-nisa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jitkejlu kontinwament l-impatt u r-riżultati tal-azzjonijiet klimatiċi ffinanzjati mill-UE f'pajjiżi sħab permezz ta' sistema robusta ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u jappella lill-Kummissjoni biex tagħżel indikaturi adatti u tiddefinixxi linji bażi u miri biex jitkejlu l-eżiti tal-attivitajiet, inkluż permezz tal-użu sħiħ tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Prestazzjoni ta' Ewropa Globali għal dak l-għan.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li jiġi attirat finanzjament addizzjonali mill-Istati Membri, is-settur privat u donaturi oħra, inkluż permezz ta' sorsi mhux tradizzjonali u mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, sabiex jiġu implimentati azzjonijiet klimatiċi trasformattivi fil-qasam. Fl-istess ħin, il-Kunsill jenfasizza li d-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija hija komponent ewlieni tal-politika barranija tal-UE, u li l-UE hija determinata li tinvolvi ruħha u taħdem mas-sħab madwar id-dinja biex tappoġġa lil dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, fl-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jenfasizza l-approċċ ta' Tim Ewropa għall-azzjoni esterna, li jipprovdi qafas solidu għall-ħolqien ta' sħubijiet sinifikanti u ugwali, u jenfasizza aktar il-ħtieġa li kollettivament jiġi kkomunikat u jiżdied l-għarfien dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa.
11. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' azzjonijiet klimatiċi biex jiġu indirizzati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet b'mod aktar sistematiku, peress li huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti tat-tibdil fil-klima, filwaqt li huma wkoll utenti primarji u amministraturi tar-riżorsi naturali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-miri ambizzjużi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NDICI-Ewropa Globali li jiddikjaraw li mill-inqas 85 fil-mija tal-azzjonijiet il-ġodda implimentati għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti, kif ukoll tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Qorti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-miri istituzzjonali u strateġiċi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP) III "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE", li ntlaqa' tajjeb fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu li jappoġġa l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, effettiva u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

12. Il-Kunsill jappoġġa l-appell biex tingħata attenzjoni partikolari lill-ifqar unitajiet domestiċi fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi globali u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġixxi kif xieraq fil-qafas tal-attivitajiet li ppjanat hi stess biex jiġu indirizzati l-fraġilitajiet u l-inugwaljanzi strutturali. Meta jiffinanzjaw azzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jistabbilixxu u jirrapportaw dwar miri ambizzjużi fil-livell ta' azzjoni għall-proporzjon ta' nisa u bniet li jibbenefikaw direttament minn tali azzjonijiet u biex iżidu l-attenzjoni fuq l-ifqar unitajiet domestiċi, filwaqt li jqisu l-kuntest f'kull pajjiż.
13. Il-Kunsill jinnota b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex jiġu inkorporati t-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (Plus) f'inizjattivi globali futuri, inkluż l-implimentazzjoni tal-mira dwar il-klima tal-NDICI-Ewropa Globali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex:
- jeżaminaw mill-ġdid regolarment l-oġġettivi u jirreveduhom, meta jkun evidenti matul l-implimentazzjoni li m'hemmx finanzjament suffiċjenti disponibbli;
 - jallokaw il-finanzjament b'mod strateġiku billi jiġu applikati kriterji oġġettivi li jieħdu kont ukoll tal-appoġġ finanzjarju riċevut minn pajjiżi sħab minn sorsi oħra għall-istess settur;
 - janalizzaw u jiddokumentaw b'mod sistematiku l-kostijiet ibbaġitjati tal-azzjonijiet biex jiżguraw li huma raġonevoli u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-faċilitajiet ta' appoġġ u l-flussi ta' finanzjament;
 - jippromwovu sensibilizzazzjoni ġenerali ta' inizjattivi bħal dawn permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, inkluż missjonijiet konġunti, immirati lejn pajjiżi benefiċjarji u donaturi potenzjali, f'approċċ ta' Tim Ewropa.